MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Avvi$Z Numru. 120/2002/1

Avviz Nru:-120/02DM

Dragonara Casino Limited

Vs

Frank Calleja

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas dik is-somma li tigi stabbilita minn din il-Qorti ta’ mhux aktar minn hamest elef Lira (Lm5,000) rapprezentanti nofs il-paga kollha li ghaliha l-konvenut kien ikollu jedd li kieku hu ma telaqx mis-servizz tas-socjeta attrici qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit fil-kuntratt ta’ impjieg definittiv li kien jezisti bejn il-partijiet u skond kif stabbilit fl-Artikolu 34 (12) tal-Kap 135 tal-Ligijiet

ta’ Malta u dan previa dikjarazzjoni ta’ din l-Qorti li ma kienx hemm gustifikazzjoni da parti tal-konvenut ghall-abbandun ta’ l-impjieg.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Calleja fejn eccepixxa illi:

1 Huwa minnu li l-eccipjent telaq mis-servizz minn mas-socjeta’ attrici qabel it-terminu stabbilit bi ftehim bejn il-partijiet, izda dan kien ghal raguni gusta u valida skond il-ligi;
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi effettivament l-Artikolu 34 (12) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta’ Malta, jipprovdi illi “l-impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta’ servizz, ghandhu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien jkollu jedd kieku huwa baqa’ fis-servizz ghal bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem”.

Ghaldaqstant billi m’hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi l-kuntratt ta’ mpieg relattiv huwa dak esebit a fol 15 tal-process u mmarkat dokument AG1 datat-8 ta’ Marzu 2001 u billi dan jipprovdi ghall-impieg ta’ (12) tnax-il xahar b’effett mit-3 ta’ Marzu tas-sena 2001, u billi jirrizulta illi l-konvenut telaq mill-impieg fit-12 ta’ Lulju tas-sena 2001 u ghalhekk telaq seba’ (7) xhur u tlett (3) gimghat qabel it-terminazzjoni ta’ l-perjodu stabbilit, u billi l-paga li kien jkollu dritt ghaliha ghal dak il-perjodu bir-rata

miftehim ta’ Lm375.833 (tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin  tlieta u tmenin centezmi u tlett millezmi) fix-xahar kienet ser tammonta ghal somma ta’ Lm2,913 (elfejn disa’ mija u tletax il-lira Maltin), l-atturi qed jitolbu illi jithallsu minghand il-konvenut  nofs din il-paga, ossia s-somma ta’ Lm1,456 55 (elf erba’ mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) .

Izda billi l-konvenut impjegat qieghed issostni illi huwa kellu raguni tajba u bizzejjed biex jitlaq mis-servizz tal-principal, kif previst mis-subinciz 14 tal-istess Artikolu 34 tal-Kap 135, jispetta lill-istess impjegat  biex igib provi sufficjenti dwar ir-raguni tajba u bizzejjed minnhu allegata biex jkun jista’ jevita l-obbligu ta hlas lill-principa kif impost bis-subinciz 12 tal-istess Artikolu.

Bhala prova ta’ raguni tajba, il-konvenut, oltre ghad-deposizzjoni tieghu fejn allega ragunijiet ta’ sahha, ibbaza ruhhu fuq certifikat mediku mahrug minn Dr John Mifsud fis-6 ta’ Lulju tas-sena 2001 indikativ illi l-ambjent ta’ fejn kien qieghed jigi kostrett jahdem il-konvenut kien qieghed jikkawzalhu ‘severe anxio-depression’ liema certifikat kien ipprezentah lill-kumpanija attrici

Apparti illi ma giex  esebit ic-certifikat originali u lanqas ma gie prodott it-tabib li rrilaxxjah biex jikkonfermah bil-gurament u jaghti spegazzjoni tas-sintomi u cirkostanzi li setghu wassluh ghall-konkluzzjoni indikata minnhu, il-fatti u cirkostanzi l-ohra tal-kaz huma anzi iktar indikattivi ta’ messa in xena da  parti tal-istess konvenut f’tentattiv li jevita l-konsegwenzi legali tal-abbandun tieghu tal-impjieg miftiehem mall-atturi.

Infatti il-kuntratt tal-impjieg kien jipprovdi ghal perjodu ta’ probation, ossia ta’ prova, ta’ zmien tlett (3) xhur sal –5 ta’ Gunju tal-2001 f’liema perjodu l-impjegat kien moghti kull opportunita li jilmenta dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol u anke setgha jitlaq mill-impjieg minghajr ma jinkorri fil-konsegwenzi kollha previsti mill-Artikolu 34 tal-Kap 135; izda il-konvenut qatt m’ghamel ebda ilment anzi kompla fl-impjieg tieghu  fl-istess ambjenti li kien qieghed jahdem sa

mill-bidu nett wara l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' prova.

Jirrizulta wkoll illi sakemm ipprezenta c-certifikat tieghu, fis-6 ta'Lulju tas-sena 2001, il-konvenut qatt ma lmenta minn xi debolezza ta' sahha, fizika jew mentali, u anke jikkonferma huwa stess illi fil-perjodu kollu li dam jidhol ghax-xoghol kien ghamel gurnata wahda biss nieqes mix-xoghol minhabba mard.

Inoltre, l-konvenut jammetti wkoll illi kien effettivament irrifjuta li jissottometti ruhhu ghal Bord Mediku biex jigi stabbilit ezattament l-istat mentali tieghu u l-effett li kien qieghed jkollu fuqhu l-ambjent fejn kien qieghed jahdem bhala surveillance officer.

Billi l-konvenut jammetti wkoll illi kien ghamel l-applikazzjoni tieghu biex jahdem ma' Casino iehor waqt li kien ghadu mpjegat mall-kumpanija attrici, jirrizulta illi kien mar jottjeni c-certifikat mediku minghand Dr John Mifsud wara li kien digia' issottometta applikazzjoni biex jahdem ma Casino iehor u kien anke dispost illi jahdem ma dan il-Casino ulterjuri fl-istess kariga ta' surveillance officer illi kien qieghed jahdem mall-kumpanija attrici.

Dan ikkonfermah fid-deposizjzoni tieghu tal-5 ta' Gunju 2002 fejn iddikjara illi mal-Casino di Venezia kien ukoll iccekkja jekk jistax jahdem bhala surveillance officer maghhom izda fl-ahhar irrnexxilu jahdem maghhom bhala cashier.

Inoltre, ghalkemm jirrizulta li l-atturi kienu anke offrew li jibdlu x-xoghol tal-imputat b'tentattiv li jikkonvincuh li jibqa josserva l-ftehim li ntrabat bih, lanqas ma jirrizultaw provi sufficjenti li jindikaw illi l-impjieg bhala 'surveillance officer', kif dettaljattament spjegat fil-kuntratt tal-impieg, ghandu jwassal ghal xi stat depressiv f'impjegat normali.

Ghalhekk issib illi l-abbandun tal-impieg da parti mill-konvenut ma kienx sorrett minn ebda raguni tajba u bizzejjed u ghaldaqstant qieghdha tiddikjara li l-abbandun tal-impieg kien minghajr gustifikazzjoni da part tal-

konvenut u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet minnhu sollevati, qieghdha tilqa t-talba attrici u qieghdha tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut, bhala ekwivalenti ghal nofs il-paga li kien ikollu jedd ghaliha sal-iskadenza tat-terminu stabbilit fil-kuntratt ta' mpieg, fis-somma ta' Lm1456.55 (elf erba' mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) u qeghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma lill-atturi bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Frar tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------